

Brussell, 22 ta' Jannar 2018
(OR. en)

5285/18

MOG 4
CFSP/PESC 34
IRAQ 3

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 22 ta' Jannar 2018

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 5283/18 MOG 3 CFSP/PESC 33 IRAQ 2

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Jannar 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq, adottati mill-Kunsill fit-3591 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Jannar 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-IRAQ**Kunsill Affarijiet Barranin, 22 ta' Jannar 2018**

1. L-UE tfaħħar lill-poplu tal-Iraq, il-Gvern tiegħu u l-forzi tas-sigurtà tiegħu għar-rebħa territorjali fuq id-Da'esh, bl-appoġġ tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh, li l-UE hija membru tagħha.
2. L-UE tafterma mill-ġdid l-impenn tagħha għal sħubija b'saħħitha bejn l-UE u l-Iraq, imsejsa fuq il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK), u biex tappoġġa lill-awtoritajiet Iraqin fil-fażi ta' rikostruzzjoni u fit-trattament tal-fatturi politiċi, soċjali u ekonomiċi tal-instabilità. L-UE tappella lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-Iraq biex jaħdmu flimkien b'mod paċifiku, kooperattiv u responabbli, biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, b'hekk iwittu t-triq għal stat inklużiv, b'mod li jippermetti opportunitajiet politiċi, ekonomiċi u soċjali għal kulħadd, u jikkonsolidaw il-kisbiet militari reċenti fil-konfront tad-Da'esh.
3. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2017 tiegħu u jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea, li tinsab annessa, li tistabbilixxi elementi għal Strateġija tal-UE għall-Iraq. Huwa japprova b'mod sħiħ l-oġettivi u l-approċċ ta' politika propost deskritt fid-dettall fil-komunikazzjoni u jaqbel li issa l-implimentazzjoni rapida hija kruċjali sabiex jinżamm il-momentum wara l-ħelsien mid-Da'esh favur il-bini ta' ġejjien aħjar għall-Iraq. Flimkien ma' dawn il-konklużjonijiet, il-komunikazzjoni hija parti mill-Istrateġija tal-UE għall-Iraq. Minħabba l-għadd kbir ta' sfidi, l-UE ser taħdem favur l-oġettivi strateġiċi kollha tagħha fl-Iraq fl-istess ħin. Dawn l-oġettivi huma ffokati fuq l-oqsma ewlenin li ġejjin:

- a) **Preservazzjoni tal-unità, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Iraq, kif ukoll id-diversità etnika u reliġjuża tiegħu**
4. L-UE ttenni l-appoġġ sod u kontinwu tagħha favur l-unità, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Iraq, u l-impenn sħiħ u attiv tagħha sabiex tiġi ppreservata n-natura multietnika, multireliġjuża u multikonfessjonali tas-soċjetà Iraqija, inkluż il-protezzjoni tal-gruppi ta' minoranzi tagħha, waqt li tibni fuq ir-rabta bejn identità nazzjonali komuni u ċittadinanza inklużiva.
5. L-UE tappella lill-Gvern tal-Iraq u l-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan biex jinvolvu ruħhom fi djalogu konstruttiv u orjentat lejn ir-riżultati dwar il-kwistjonijiet immedjati, sabiex jipprovdu bażi għal diskussjoni aktar dettaljata dwar il-kwistjonijiet pendenti kollha u lejn relazzjoni fit-tul aktar stabbli u ta' benefiċċju reċiproku bbażata fuq l-applikazzjoni b'mod sħiħ tal-kostituzzjoni Iraqija, inkluż id-dispożizzjonijiet tagħha dwar l-awtonomija tal-Kurdistan. L-UE temmen li dan id-djalogu huwa r-responsabbiltà taż-żewġ partijiet abbażi tad-dispożizzjonijiet rispettivi fil-kostituzzjoni, u li l-interess ġenerali tal-poplu Iraqin kollu jiġi sodisfatt u rifless bl-aħjar mod permezz ta' tali djalogu u kooperazzjoni. L-UE tilqa' l-isforzi biex tinvolvi ruħha rapidament f'dan id-djalogu. L-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tagħha għall-isforzi ta' faċilitazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u tinsab lesta biex tappoġġa d-djalogu jekk tintalab.

- b) Tisħiħ tas-sistema politika tal-Iraq permezz tal-appoġġ għall-isforzi tal-Iraq biex tiġi stabbilita sistema ta' gvern li tkun bilanċjata, inklużiva, responsabbli u demokratika**
6. Fil-kuntest ta' rkupru wara konflitt, l-UE tirrikonoxxi l-isforzi kontinwi tal-Gvern tal-Iraq biex jistabbilizza ż-żoni meħlusa f'kooperazzjoni man-NU u atturi oħrajn fuq il-post. Filwaqt li d-Da'esh intgħeleb fil-livell militari, għadu theddida. L-UE tirrikonoxxi li fadal sfidi sinifikanti. L-enfasi issa trid tkun fuq ir-rebħa tal-paċi billi jiġu stabbilizzati l-kondizzjonijiet fil-provinċji meħlusa, anke permezz tar-ritorn nondiskriminatorju tal-persuni spostati f'pajjiżhom (IDPs) lejn iż-żoni tal-orijini tagħhom, jiġi pprovdut ambjent li jwassal għar-rikonċiljazzjoni, u jiġu implimentati r-riformi politiċi u ekonomiċi. L-UE tenfasizza dwar l-urġenza li jiġu prijoritizzati l-interessi nazzjonali fi spirtu ta' fehim reċiproku u kompromess u li jiġi aċċellerat il-progress fir-riformi u favur rikonċiljazzjoni nazzjonali bbażata fuq il-ġustizzja u r-responsabbiltà, il-prinċipji ta' demokrazija li tiffunzjona, l-inklużività, l-istat tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Sabiex jinkiseb l-oġġettiv tal-bini ta' viżjoni komuni dwar il-futur tal-pajjiż, issa huwa essenzjali li l-Iraqin jibdew proċess inklużiv ta' rikonċiljazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali fi spirtu ta' fehim reċiproku u kompromess. F'dan il-kuntest hija tkompli wkoll bl-appoġġ qawwi tagħha għar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll għall-ħidma tal-UNAMI.
7. L-UE tinnota li l-elezzjonijiet nazzjonali ser ikunu opportunità biex jinbena stat aktar inklużiv u demokratiku li jaħdem fl-interessi tal-Iraqin kollha. L-UE tinkoraġġixxi lill-Gvern tal-Iraq biex iżomm ir-rotta tiegħu lejn elezzjonijiet nazzjonali f'Mejju 2018, li jeħtieġ li jkunu leġittimi u demokratiċi. Il-parteeċipazzjoni sħiħa tal-komponenti kollha tas-soċjetà Iraqija, inkluż ir-reġjun tal-Kurdistan, ser tkun kruċjali biex jiġi żgurat li l-elezzjonijiet jippromwovu istituzzjonijiet tassew rappreżentattivi u governanza inklużiva. Għal dan l-għan, l-UE hija lesta li tipprovd i appoġġ prattiku għall-proċess elettorali u li ssegwieh mill-qrib f'koordinazzjoni mal-atturi nazzjonali u internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-UNAMI.
8. Fil-proċessi kollha, jenħtieġ li l-parteeċipazzjoni sħiħa tan-nisa, taż-żgħażaġħ, tas-soċjetà ċivili u tal-komponenti kollha tas-soċjetà Iraqija, inkluż il-minoranzi etniċi u reliġjużi, tiġi żgurata fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali. L-UE tappella għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Iraq dwar in-Nisa u l-Paċi u s-Sigurtà.

9. L-UE tissottolinja l-importanza ta' forzi tas-sigurtà Iraqin li jkunu professjonali, rappreżentattivi u kkontrollati b'mod demokratiku biex jipprovdu sigurtà effettiva, iħarsu l-istat tad-dritt u jiżguraw rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem. Hija tilqa' l-progress tal-Gvern tal-Iraq f'dan ir-rigward, u tteġġegħ sforzi kontinwi biex jiġi żgurat li l-gruppi armati kollha effettivament jinġabru taħt il-kmand u l-kontroll tal-Istat tal-Iraq. Huwa essenzjali li l-aġenziji tas-sigurtà jtejbu r-relazzjonijiet tagħhom mal-popolazzjoni ċivili sabiex jiġu kkonsolidati l-kisbiet tal-istabbilizzazzjoni. Għal dan l-għan, l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jagħtu appoġġ għall-isforzi tal-awtoritajiet Iraqin għar-riforma fis-settur tas-sigurtà ċivili bl-iskjerament f'Novembru 2017 ta' Missjoni ta' Konsulenza tal-UE (EUAM Iraq). L-oġettivi strateġiċi tal-missjoni fost oħrajn huma: li tipprovdi parir u għarfien espert lill-awtoritajiet Iraqin fil-livell strateġiku sabiex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Iraq; u li tanalizza, tevalwa u tidentifika opportunitajiet għal involviment ulterjuri potenzjali tal-Unjoni b'appoġġ għall-ħtiġijiet tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq fit-tul. L-UE tissottolinja l-importanza tar-riforma tas-settur tal-pulizija u l-ħidma li qed titwettaq mit-Task Force għat-Taħriġ tal-Pulizija tal-Koalizzjoni Globali. L-UE u l-Istati Membri tagħha jissottolinjaw il-ħtieġa aktar ġenerali li tiġi żgurata l-kooperazzjoni u l-koerenza fost l-atturi differenti, inkluż in-NU, il-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh u n-NATO, involuti fl-appoġġ tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, kif stabbilit f'konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill, u jinsabu lesti li jaħdmu għal dan l-għan bir-rispett dovut għall-qafas istituzzjonali tal-UE.

c) Appoġġ għall-awtoritajiet Iraqin fl-għoti ta' għajnuna umanitarja, l-appoġġ għall-irkupru bikri, l-istabbilizzazzjoni, l-iżvilupp u r-rikostruzzjoni

10. L-UE tesprimi l-akbar tħassib tagħha dwar is-sitwazzjoni umanitarja li għadha prekarja u tirrikonoxxi l-isforzi sinifikanti li saru mill-awtoritajiet Iraqin kollha, min-Nazzjonijiet Uniti u minn sħab internazzjonali oħra biex jingħataw sikkors u assistenza umanitarja lill-persuni spostati u affettwati mill-konflitt. L-UE tesprimi t-tħassib tagħha dwar rapporti ta' ritorni sfurzati u diskriminatorji. Hija ttenni l-importanza li l-Gvern Iraqi u l-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan jipproteġu l-persuni ċivili u jiżguraw ir-ritorn sikur, informat, volontarju u nondiskriminatorju, u mingħajr xkiel ta' Persuni Spostati f'Pajjiżhom (IDPs) u refuġjati li jixtiequ jirritornaw lejn iż-żoni meħlusa li huma rikonoxxuti bħala sikuri, f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mal-istandards tal-protezzjoni internazzjonali. B'mod partikolari, kwistjonijiet li jirrigwardaw id-drittijiet tal-abitazzjoni, l-art u l-propjetà għandhom jingħataw attenzjoni ewlenija fil-proċess ta' ritorn u rikostruzzjoni. L-UE tappella lill-Iraq biex iħares il-politika Iraqija li ilha teżisti ta' protezzjoni u appoġġ għal persuni li jirrisjedu u jfittxu protezzjoni fl-Iraq.
11. L-UE tenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-komunità internazzjonali kollha tkompli l-appoġġ umanitarju għal dawk fil-bżonn, b'mod partikolari billi jappoġġaw il-pjan ta' risposta umanitarja tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2018 għall-Iraq, u billi jieħdu kont tal-ħtiġijiet fil-pajjiż kollu kemm hu. L-UE u l-Istati Membri tagħha kienu minn ta' quddiem fir-risposta umanitarja internazzjonali u ser ikomplu juru solidarjetà mal-poplu tal-Iraq billi jipprovdu għajnuna umanitarja lil dawk l-aktar fil-bżonn u skont il-prinċipji umanitarji.
12. L-UE u l-Istati Membri tagħha jissottolinjaw il-ħtieġa tal-għoti ta' servizzi pubbliċi bażiċi u tar-rispons għall-ħtiġijiet konkreti taċ-ċittadini Iraqin kollha. Tirrikonoxxi wkoll l-importanza kruċjali tal-iżvilupp ta' approċċi konnessi u l-implimentazzjoni tar-rabta bejn l-isforzi umanitarji, ta' rkupru bikri, ta' rikostruzzjoni u ta' stabbilizzazzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha li kienu fost l-akbar donaturi fl-Iraq jimpenjaw ruħhom li jappoġġaw dawn l-isforzi fil-fażi ta' transizzjoni u ta' rikostruzzjoni abbażi ta' approċċ 'għall-Iraq kollu' u jinsabu lesti li jsaħħu l-appoġġ tagħhom.

13. Il-Konferenza Internazzjonali tal-Kuwajt għar-Rikostruzzjoni tal-Iraq, li ser issir dalwaqt fil-Kuwajt u li ser tkun kopreseduta mill-UE, tirrapreżenta opportunità għall-Gvern tal-Iraq biex ikompli jamministra t-transizzjoni mill-istabbilizzazzjoni għar-rikostruzzjoni, waqt li jiffoka wkoll fuq il-ħtiġijiet umanitarji kontinwi, b'mod strutturat u kkoordinat mas-sħab internazzjonali tiegħu. Il-Konferenza ser tkun ukoll opportunità importanti biex jintwera l-impenn tal-Iraq għar-riformi ekonomiċi u soċjali li huma kruċjali sabiex jiġi mmobilizzat l-appoġġ internazzjonali tant meħtieġ għar-rikostruzzjoni tal-infrastruttura u l-irkupru fit-tul.
14. L-isforzi ta' stabbilizzazzjoni għandhom jitmexxew mill-Iraq, iżda għandhom jiġu appoġġati mill-komunità internazzjonali, inkluż in-Nazzjonijiet Uniti u l-Grupp ta' Ħidma għall-Istabbilizzazzjoni tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh, u kkoordinati magħhom. Għaldaqstant, l-UE tappella lill-gvern tal-Iraq biex permezz tad-djalogu mal-atturi rilevanti kollha fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u b'kont sħiħ meħud tal-interessi tal-komunitajiet affettwati, inkluż il-minoranzi, jiżgura sigurtà effettiva, governanza inklużiva, sjieda lokali u l-ġoti ta' servizz bażiċi fiż-żoni meħlusa.
15. F'dan il-kuntest l-UE, li qed tikkopresjedi l-isforzi tal-Mitigazzjoni tal-Perikli ta' Splużjoni (EHM, "tneħħija ta' mini") tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh flimkien mas-sħab tagħha l-UNMAS, tappella lill-gvern tal-Iraq biex ineħħi kwalunkwe ostaklu burokratiku u prattiku li fadal għall-iskjerament sħiħ tar-riżorsi nazzjonali u internazzjonali disponibbli għall-EHM fl-Iraq. Tappella wkoll lis-sħab internazzjonali tagħha biex iżidu l-appoġġ finanzjarju tagħhom għall-isforzi tal-EHM bħala prekursor essenzjali għal aktar stabbilizzazzjoni u ħidma ta' rikostruzzjoni.

d) Promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku u ħolqien ta' impjiegi sostenibbli, ibbażati fuq l-għarfien u inklużivi

16. L-UE tilqa' l-isforzi inizjali tal-Gvern tal-Iraq biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-Arranġament ta' Riżerva tiegħu mal-FMI, iżda tinsab imħassba dwar in-nuqqas ta' progress reċenti u tissottolinja li jekk ma jsirx progress fir-rigward tar-riformi tal-punti ta' riferiment taħt l-Arranġament dan ser jipperikola l-istabbiltà finanzjarja tal-Iraq. Tissottolinja li r-riformi finanzjarji u ekonomiċi kontinwi, u l-forniment adegwat ta' fondi baġitarji lil gvernijiet subnazzjonali huma meħtieġa urġentement sabiex l-Iraq ikun jista' jaqbad it-triq tal-irkurpu ekonomiku, tar-rikostruzzjoni, tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostnut, bħala elementi essenzjali ta' kuntratt soċjali msaħħaħ bejn l-istat u l-poplu tiegħu. L-UE tilqa' l-isforzi li saru mill-BEI u l-Iraq biex jiffinalizzaw in-negożjati tagħhom rigward ftehim qafas li jiffaċilita l-appoġġ permezz ta' self b'terminu twil għall-Iraq.
17. L-UE tinsab lesta li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni mill-Iraq tal-proċess tar-riformi meħtieġa biex l-ekonomija tissaħħaħ u tiġi diversifikata, li ser iwassal għal opportunitajiet aħjar għall-ħolqien tal-impjiegi, inkluż għaż-żgħażagħ. Sistema ta' edukazzjoni msaħħa hija kruċjali għall-istabbilizzazzjoni fuq perijodu twil tal-Iraq u hija katalist importanti għall-iżvilupp tal-pajjiż. F'dan ir-rigward, l-appoġġ tal-UE għal edukazzjoni inklużiva, ekwa u ta' kwalità huwa essenzjali sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' "ġenerazzjoni mitlufa". L-UE tappoġġa b'mod attiv lill-awtoritajiet Iraqin fil-ħidma tagħhom fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, fit-titjib tas-servizzi pubbliċi, fit-tisħiħ tal-governanza inklużiva fil-livelli kollha, u fl-iżgurar li ċ-ċittadini Iraqin jitpoġġew fil-qalba tal-isforzi kollha ta' riforma irrispettivament mill-etniċità, il-ġeneru, ir-reliġjon jew it-twelmin tagħhom.

e) Promozzjoni ta' sistema ġudizzjarja effettiva u indipendenti u l-iżgurar tar-responsabbiltà

18. L-UE temmen li huwa essenzjali għall-istabbiltà fit-tul tal-Iraq li l-gvern u l-mexxejja politiċi jipproponu u jappoġġaw proċess kredibbli ta' ġustizzja tranżizzjonali. Ir-responsabbiltà għal reati mwettqa mill-partijiet kollha, b'mod li jiżgura proċess ġust, hija element importanti għar-rikonċiljazzjoni nazzjonali. Jenħtieġ li l-ilmenti tal-vittmi kollha jiġu indirizzati b'mod ugwali.

19. F'dan ir-rigward, l-UE tinsab lesta tappoġġa l-isforzi Iraqin u internazzjonali biex il-membri ta' Da'esh jinżammu responsabbli u jiżguraw ir-responsabbiltà għal ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità kif ukoll azzjonijiet kontra persuni li jappartjenu għall-gruppi ta' minoranzi abbażi ta' proċess ġust, f'konformità mal-isforzi tan-NU li jinsabu għaddejjin taħt ir-Riżoluzzjoni Nru 2379 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. F'dan ir-rigward, il-kwistjoni tal-Ġellieda Terroristi Barranin, b'mod partikolari dawk il-ġellieda li jirritornaw, għadha waħda ta' interess speċjali. Jibqa' kruċjali li jkun hemm kooperazzjoni u kondivizzjoni ta' informazzjoni ma' atturi rilevanti involuti, b'mod li jikkonforma legalment u permezz tal-mezzi xierqa. L-UE ttenni l-appell tagħha lill-Iraq biex jaderixxi mal-Istatut ta' Ruma.
20. L-UE tenfasizza l-oġġezzjoni ta' prinċipju tagħha għall-użu tal-piena tal-mewt. L-UE temmen b'mod sħiħ li l-użu tal-piena tal-mewt mhix biss moralment kundannabbli iżda wkoll kontroproduktiva, kemm bħala deterrent għar-reati kif ukoll bħala piena. Piena, anke għall-aġar reati, tista' tingħata b'modi oħra li huma daqstant ieħor ħorox iżda mhux irreversibbli, saħansitra meta l-istat isib ruħu fl-aktar ċirkostanzi diffiċli. Dawn il-konsiderazzjonijiet jiksibu sustanza addizzjonali fil-kuntest diffiċli ta' stabbilizzazzjoni u rikonċiljazzjoni li l-Iraq jinsab fih illum, wara diversi ċikli ta' vjolenza mit-terroriżmu mill-2003. L-UE ttenni l-appell tagħha biex il-Gvern Federali tal-Iraq jintroduċi moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet u biex il-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan jerġa' jdaħħal moratorju, bil-ħsieb aħħari li tiġi abolita l-piena tal-mewt.

f) Stabbiliment ta' djalogu mal-Iraq dwar il-migrazzjoni

21. Il-Kunsill jilqa' l-bidu ta' skambju formali mal-Iraq dwar il-migrazzjoni li ppermetta l-identifikazzjoni ta' oqsma ta' interess reċiproku fejn il-kooperazzjoni tista' tiġi approfondita. Il-Kunsill jistenna b'interess li dan id-djalogu jissokta. Dan id-djalogu għandu jkopri l-aspetti kollha tal-migrazzjoni fi sforz konġunt li jkun ta' benefiċċju reċiproku. L-UE tappella lill-Gvern tal-Iraq biex jikkoopera aktar fl-istabbiliment ta' proċeduri li jiffaċilitaw ritorn dinjituż, sigur u ordnat ta' ċittadini Iraqin lejn pajjiżhom f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-obbligu ta' riammissjoni ta' ċittadini proprji, u l-impenji tal-Iraq kif espressi fil-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni.

g) Appoġġ għar-relazzjonijiet tajba tal-Iraq mal-ġirien kollha tiegħu

22. L-UE hija impenjata li trawwem djalogu reġjonali u tilqa' l-involviment diplomatiku kontinwu tal-Iraq ma' pajjiżi ġirien. Hija tinkoraġġixxi lill-pajjiżi kollha tar-reġjun biex jaqdu rwol kostruttiv, biex iżommu u jżidu l-appoġġ tagħhom għall-Iraq, u biex ikomplu jappoġġaw l-unità, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Iraq. L-UE tissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali mtejba għall-prosperità tal-Iraq u tal-ġirien tiegħu.
23. Il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jimplimentaw din l-istrateġija b'effett immedjat u biex jipprevedu revizzjoni l-aktar tard wara sentejn kif meħtieġ. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE ser jaħdmu għall-koordinazzjoni rapida u effettiva tad-donaturi fit-twettiq tal-Strateġija tal-UE għall-Iraq bil-ħsieb ta' approċċ integrat.
-